KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.7.2011
KUMM(2011) 447 finali

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni FEG/2011/003 DE/Arnsberg u Düsseldorf - Industrija awtomotiva mill-Ġermanja)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda[1] jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibbiltà, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun 'il fuq minn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[2].

Fid-9 ta' Frar 2011, il-Ġermanja ressqet l-applikazzjoni FEG/2011/003 DE/Arnsberg u Düsseldorf - L-industrija awtomotiva għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li diversi persuni ngħataw is-sensja f'ħames intrapriżi li joperaw fid-Diviżjoni 29 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Il-manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers")[3] fir-reġjuni NUTS II ta' Arnsberg (DEA5) u Düsseldorf (DEA1) fil-Ġermanja.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 il-kundizzjonijiet għal kontribut finanzjarju skont dan ir-Regolament huma sodisfatti.

## TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

| **Dejta ewlenija:** | |
|---|---|
| Nru ta' Referenza tal-FEG | FEG/2011/003 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Artikolu 2 | (b) |
| Intrapriżi kkonċernati | 5 |
| Reġjuni NUTS II | Arnsberg (DEA5)<br>Düsseldorf (DEA1) |
| Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 | 29 ("Il-manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers") |
| Perjodu ta' referenza | 1.3.2010 – 1.12.2010 |
| Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati | 1.3.2010 |
| Data tal-applikazzjoni | 9.2.2011 |
| Sensji matul il-perjodu ta' referenza | 778 |
| Ħaddiema li ngħataw is-sensja u li huma identifikati għall-għajnuna | 778 |
| Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR) | 6 389 028 |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG[4] (EUR) | 300 000 |
| Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%) | 4,48 |
| Baġit totali (EUR) | 6 689 028 |

1 ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
2 ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
3 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).
4 Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

| Il-kontribuzzjoni tal-FEG (65 %) (EUR) | 4 347 868 |
| --- | --- |

1. L-applikazzjoni kienet ippreżentata quddiem il-Kummissjoni fid-9 ta' Frar 2011 u ntbagħat tagħrif addizzjonali sat-28 ta' April 2011.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijet għat-tħaddim tal-FEG kif stipulat fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 u tressqet fiż-żmien stipulat ta' 10 ġimgħat kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

**Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali prinċipali fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali**

3. Sabiex tistabbilixxi r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, il-Ġermanja[5] tisħaq li bħala riżultat tal-kriżi, fl-Unjoni Ewropea (UE), id-domanda għal vetturi ġodda bil-magna naqset b'5,6 % fl-2009 meta mqabbla mal-2008 u bi 13,3 % meta mqabbla mal-2007 li kienet is-sena ta' qabel bdiet il-kriżi. L-UE segwiet ix-xejra nnotata fil-livell dinji fejn id-domanda għal vetturi ġodda bil-magna naqas b'5,6 % fl-2009 meta mqabbel mal-2008. Minħabba dan it-tnaqqis fid-domanda, il-manifatturi tal-vetturi bil-magna naqqsu l-produzzjoni tagħhom b'mod aktar drastiku. Fl-2009 il-produzzjoni tal-vetturi bil-magna fl-UE naqset bi 17 % meta mqabbla mal-2008 u bi 23 % meta mqabbla mal-2007.

Din ix-xejra 'l isfel kompliet fl-2010. Fl-ewwel disa' xhur tal-2010, il-produzzjoni ta' vetturi bil-magna fl-UE kienet 14 % inqas minn dik tal-istess perjodu fl-2008. Peress li l-Ġermanja hija l-pajjiż bl-akbar manifattura ta' vetturi bil-magna fl-UE, il-kriżi kellha konsegwenzi ħarxa għall-industrija tagħha tal-manifattura ta' vetturi bil-magna. Fl-2009 l-produzzjoni tal-vetturi bil-magna fil-Ġermanja naqset bi 13,8 % meta mqabbla mal-2008 u b'16,1 % meta mqabbla mal-2007. Il-fornituri tal-industrija awtomotiva kienu affettwati b'mod aktar aħrax mill-manifatturi ewlenin. Fl-2009, il-fatturat tal-manifatturi ta' vetturi bil-magna fil-Ġermanja naqas b'20 % meta mqabbel mal-2008, filwaqt li għall-fornituri ta' dawn il-manifatturi, it-tnaqqis għall-istess perjodu kien ta' 26 %. Is-sensji koperti minn din l-applikazzjoni jikkonċernaw speċifikament is-sensji mill-fornituri.

**Turija tal-għadd ta' sensji u l-konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)**

4. Il-Ġermanja ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jitlob li jkun hemm minn tal-inqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi fil-livell tan-NUTS II fi Stat Membru.

5. L-applikazzjoni ssemmi 778 sensja f'ħames intrapriżi li joperaw fid-Diviżjoni 29 tan-NACE Reviżjoni 2 ("Il-manifattura ta' vetturi bil-magna, trejlers u semitrejlers")[6] fir-reġjuni NUTS II ta' Arnsberg (DEA5) u Düsseldorf (DEA1) matul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur mill-1 ta' Marzu 2010 sal-1 ta' Diċembru 2010. Dawn is-sensji

[5] L-istatistiċi f'dan il-kapitolu huma mill-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi Ewropej tal-Vetturi (ACEA).

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

kollha ġew ikkalkulati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

**Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

6. L-awtoritajiet Ġermaniżi jisħqu li l-manifatturi tal-vetturi bil-magna ilhom ipoġġu pressjoni fuq il-fornituri għal dan l-aħħar żmien sabiex dawn inaqqsu l-marġini tagħhom. It-tnaqqis drastiku u f'salt fid-domanda għall-vetturi bil-magna fl-2009, liema tnaqqis hu relatat mal-kriżi u ma setax jiġi previst, irriżulta fi tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità tal-użu tal-produzzjoni kif ukoll fi tnaqqis sinifikanti fl-introjtu għall-fornituri mill-industrija awtomotiva. B'riżultat ta' dan, għadd sinifikanti ta' fornituri spiċċaw falluti, filwaqt li oħrajn kellhom inaqqsu l-kapaċità tagħhom tal-produzzjoni b'mod drastiku, u dan irriżulta fi tnaqqis fil-persunal. Tliet intrapriżi koperti minn din l-applikazzjoni spiċċaw falluti u t-tnejn l-oħra kellhom jagħtu s-sensja lill-impjegati tagħhom sabiex inaqqsu l-kosti tagħhom.

**Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li huma identifikati għall-għajnuna**

7. L-applikazzjoni tikkonċerna 778 sensja li kollha huma identifikati għall-għajnuna fil-ħames intrapriżi li ġejjin:

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | | | |
|---|---|---|---|
| Pampus Automotive GmbH & CO. KG, Arnsberg | 374 | Wiederholt GmbH, Arnsberg | 124 |
| Continental Automotive GmbH Dortmund, Arnsberg | 45 | Tedrive Steering GmbH, Düsseldorf | 224 |
| Leopold Kostal GmbH, Arnsberg | 11 | | |
| **Total tal-Intrapriżi: 5** | | **Total tas-sensji: 778** | |

8. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

| Kategorija | Għadd | Perċentwal |
|---|---|---|
| Irġiel | 709 | 91,1 |
| Nisa | 69 | 8,9 |
| Ċittadini tal-UE | 700 | 90,0 |
| Ċittadini barra l-UE | 78 | 10,0 |
| Ta' età bejn il-15 u l-24 sena | 19 | 2,4 |
| Ta' età bejn il-25 u l-54 sena | 587 | 75,4 |
| Ta' età bejn il-55 u l-64 sena | 172 | 22,1 |
| Aktar minn 64 sena | 0 | 0,0 |

9. Hemm 136 ħaddiema (jiġifieri 17,5 %) inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq li għandhom problema ta' saħħa jew diżabbiltà fit-tul.

10. Fir-rigward ta' kategoriji ta’ xogħol, it-tqassim huwa kif ġej:

| Kategorija | Għadd | Perċentwal |
|---|---|---|
| Professjonisti | 17 | 2,2 |
| Tekniċi u professjonisti assoċjati. | 117 | 15,0 |
| Skrivani | 35 | 4,5 |
| Ħaddiema fis-settur tas-servizzi u tal-bejgħ fil-ħwienet u s-swieq. | 4 | 0,5 |
| Ħaddiema fl-artiġjanat u snajja' relatati | 171 | 22,0 |
| Operaturi tal-impjanti u tal-magni u dawk li jimmuntaw il-magni | 346 | 44,5 |
| Okkupazzjonijiet elementari | 88 | 11,3 |

11. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, il-Ġermanja kkonfermat li ġiet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-aċċess għalih.

**Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu**

12. It-territorju prinċipalment ikkonċernat mis-sensji hija l-art fit-Tramuntana tar-Rhine Westphalia, b'mod partikolari d-distretti amministrattivi ta' Ansberg u Düsseldorf.

L-awtoritajiet responsabbli huma l-Ministeru għall-Impjiegi, l-Integrazzjoni u l-Affarijiet Soċjali tal-art tat-Tramuntana tar-Rhine Westphalia, l-uffiċċju ċentrali tal-Uffiċċju Federali tal-Impjiegi, id-direttorat reġjonali tat-Tramuntana tar-Rhine Westphalia tal-Uffiċċju Federali tal-Impjiegi u l-uffiċji tal-impjiegi ta' Hamm u Wuppertal. Partijiet interessati oħra jinkludu l-IG Metall Unna, l-amministraturi tal-insolvenza għall-intrapriżi Tedrive Steering GmbH, Pampus Automotive GmbH & Co. KG u Wiederholt GmbH, l-intrapriżi Continental Automotive GmbH u Leopold Kostal GmbH, il-kumpaniji ta' trasferiment PEAG Personalentwicklungs- und Arbeitsmarktagentur GmbH u Weitblick Personalpartner GmbH.

**L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali**

13. L-awtoritajiet Ġermaniżi jiddikjaraw li fil-livell nazzjonali l-kriżi finanzjarja u ekonomika kellha impatt qawwi fuq l-industrija awtomotiva. L-impjiegi fl-industrija tal-manifattura ta' vetturi bil-magna naqsu bi 3,5 % fl-2009 meta mqabbla mal-2008; għall-fornituri tal-industrija awtomotiva, it-tnaqqis laħaq il-5 %.

14. Mis-778 sensja koperta mill-applikazzjoni, 554 minnhom seħħew fid-distrett amministrattiv ta' Arnsberg u 224 fid-distrett amministrattiv ta' Düsseldorf. Bħala reġjun b'setturi ekonomiċi li huma fil-biċċa l-kbira tagħhom orjentati lejn l-esportazzjoni, bħalma huma l-industrija awtomotiva u dik tal-metall kif ukoll dik tal-manifattura tal-makkinarju, Arnsberg intlaqtet sew mill-kriżi. Barra minn hekk, ir-rata tal-impjiegi f'Arnsberg kienet diġa' milquta mis-sensji li ngħataw minn Nokia f'Bochum, li għalihom ingħatat kontribuzzjoni tal-FEG wara l-applikazzjoni FEG/2009/002 DE/Nokia, u se tkompli tintlaqat mill-1 200 sensja mħabbra fil-pjant tal-General Motors Europe li jinsab ukoll f'Bochum. Id-distrett amministrattiv ta' Düsseldorf huwa kkaratterizzat minn rata ta' qgħad li hija ġeneralment ogħla mill-medja tat-Tramuntana tar-Rhine Westphalia u l-Ġermanja.

15. F'Diċembru 2009, ir-rata tal-qgħad laħqet l-10,5 % kemm f'Düsseldorf kif ukoll f'Arnsberg meta mqabbla ma' 9,6 % fit-Tramuntana tar-Rhine Westphalia u 8,7 % fil-Ġermanja. F'Diċembru 2010, ir-rata tal-qgħad laħqet l-10,0 % f'Düsseldorf, 9,7 % f'Arnsberg, 9 % fit-Tramuntana tar-Rhine Westphalia u 8 % fil-Ġermanja.

**Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u analiżi tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

16. Qed jiġu proposti t-tipi ta’ miżuri li ġejjin, li flimkien jagħmlu pakkett ikkoordinat ta’ servizzi personalizzati mmirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.

– Kumpens għat-tfittix ta’ impjieg: kumpens fuq medda qasira ta' żmien: Din il-miżura hija maħsuba biex tassigura l-għajxien tal-ħaddiema li jagħżlu li jibdew jaħdmu f'kumpanija tat-trasferiment[7]. Għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-FEG, il-kumpens fuq medda qasira ta' żmien huwa inkluż biss għal perjodi li fihom il-ħaddiema li ngħataw is-sensja jkunu qegħdin jieħdu sehem b’mod attiv fil-miżuri attivi ta' politika fis-suq tax-xogħol ipprovduti fiil-qafas ta' kumpanija ta' trasferiment, inklużi miżuri li jsiru fuq l-inizjattiva tal-ħaddiema nfushom.

– Korsijiet ta' taħriġ li jwasslu għall-kwalifiki: Dawn il-korsijiet huma mmirati għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja li ma għandhomx kwalifiki ta' taħriġ jew li għandhom kwalifiki ta' taħriġ li ma għadhomx jgħoddu, kif ukoll għall-ħaddiema industrijali. Il-korsijiet jikkonsistu f'miżuri ta' taħriġ intensiv adattati għall-ħtiġijiet attwali tas-suq tax-xogħol u bbażati fuq profiling u intervista inizjali mal-ħaddiema kif ukoll evalwazzjoni tal-abilità tagħhom li jiksbu l-kwalifiki. Din il-miżura tinkludi kwalifiki individwali u dawk tal-grupp fost oħrajn fl-oqsma li ġejjin: il-kapaċità għat-tagħlim, il-kors fil-lingwa Ġermaniża, kors bażiku fil-kompjuter, sewwieq professjonali tal-UE, sewwieq ta' ferroviji li jġorru l-passiġġieri u l-merkanzija, il-kura pprovduta mill-infermiera u dik ipprovduta lill-anzjani, Computerised Numerical Control (NCN) tħin u tornitura, taħriġ speċjalizzat fl-inġinerija elettrika, idrawlika u pnewmatika.

– Gwida aktar fil-fond għall-ftuħ ta' negozju: Din tkopri gwida u appoġġ, inkluż it-tagħrif dwar il-miżuri ta' appoġġ eżistenti f'livell reġjonali, għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-finanzjament ta' ftuħ ta' negozju, kif ukoll it-tqassim ta' għarfien dwar l-aspetti kummerċjali, dawk ta' kummerċjalizzazzjoni u dawk ta' bejgħ. Huwa possibbli wkoll li jkun hemm taħriġ/tagħlim fuq bażi individwali, fost l-oħrajn fil-preparazzjoni ta' diskussjonijiet dwar il-finanzjament, l-elaborazzjoni ta' strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni jew studji dwar is-suq.

– Gruppi ta’ ħidma u gruppi ta’ pari: Din il-miżura, li diġa' ġiet implimentata b'suċċess f'każijiet Ġermaniżi preċedenti tal-FEG, tikkonsisti f'taħriġ/tagħlim speċifiku fi gruppi żgħar. Permezz ta' skambju tal-esperjenza fi gruppi żgħar ta' ħaddiema bi sfond vokazzjonali simili u li qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet simili

[7] Kumpanija ta’ trasferiment hija strument stipulat skont il-liġi Ġermaniża li tista’ tiġi stabbilita fil-każ ta’ strutturar mill-ġdid li jirriżulta f'telf ta’ impjiegi. Il-kumpanija ta’ trasferiment tagħmilha possibbli li tħejji għal impjieg ġdid b’mod strutturat lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja permezz ta’ taħriġ/tagħlim, kwalifiki u attivitajiet ta’ pjazzament.

fis-suq tax-xogħol, qed jiġu mxerrda approċċi pożittivi u l-fiduċja tal-persuna fiha nnifisha qed tiżdied. Il-mira tal-gruppi tal-pari huma b'mod partikolari l-migranti u l-ħaddiema aktar mdaħħla fiż-żmien u l-ħaddiema b'diżabilità. Tema ġdida li se tiġi indirizzata hija "Il-qgħad u s-saħħa" sabiex tgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja biex jaffrontaw il-kriżi personali tagħhom permezz ta' azzjoni preventiva.

– Gwida dwar is-suq tax-xogħol internazzjonali u dak nazzjonali: Din il-miżura għandha l-għan li tipprepara għadd limitat ta' ħaddiema biex japplikaw għal impjieg barra mir-reġjun tagħhom, anki barra mill-Ġermanja. Din tkopri fost l-oħrajn tagħrif dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg barra mill-pajjiż, żjariet f'fieri kummerċjali, l-organizzazzjoni ta' fieri dwar l-impjiegi, it-traduzzjoni ta' ċertifikati, it-taħriġ interkulturali u fil-lingwi barranin.

– Suppliment ta' Attivazzjoni: Dan ikopri inċentiv għall-ħaddiema, li jaċċettaw impjieg ġdid b'salarju aktar baxx minn dak li kellhom fl-impjieg preċedenti. Il-ħaddiem jirċievi somma f'daqqa jekk is-salarju l-ġdid ikun minn tal-inqas 10 % inqas mis-salarju preċedenti u jekk dan is-salarju jkun marbut ma' kuntratt fuq bażi part-time jew fuq bażi fulltime ta' dewmien indefinit jew ta' minn tal-inqas sena.

– Riċerka fir-rigward ta’ pjazzament: Ir-riċerkaturi ta’ pjazzament jinteraġixxu ma’ kumpaniji potenzjali li jimpjegaw u, abbażi tal-impjiegi speċifiċi vakanti, jidentifikaw l-aktar kandidati adattati u l-ħtiġijiet ta' taħriġ immirat lejn ix-xogħol speċifiku tagħhom. Din il-miżura tkopri wkoll iż-żamma ta' bażi ta' dejta ta' min iħaddem, li hi disponibbli għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja għall-applikazzjonijiet għal impjieg fuq inizjattiva tagħhom.

– Għoti ta' pariri u appoġġ f'każ ta' impjieg ġdid u f'każ ta' qgħad: Din il-miżura tipprevedi għat-taħriġ/tagħlim mill-kumpanija ta' trasferiment waqt il-fażi li matulha l-ħaddiema li aċċettaw impjieg ġdid, ikunu qegħdin jadattaw ruħhom għal dan l-impjieg. L-għan hu li jiġi mminimizzat ir-riskju ta' telfien ta' impjieg ġdid u biex tiġi stabbilita s-sitwazzjoni l-ġdida tas-suq tax-xogħol tal-ħaddiem ikkonċernat. Din il-miżura tipprovdi wkoll appoġġ għall-ħaddiema li ma jsibux xogħol ġdid hekk kif jispiċċaw minn mal-kumpanija ta’ trasferiment. Biex tkun żgurata l-kontinwità fl-attivitajiet ta’ pjazzament, dawn għandhom iżommu l-istess netwerk ta’ mentoring bħalma kellhom fil-kumpanija ta’ trasferiment. Il-fajl/portafoll tat-trasferiment ta' kull ħaddiem, li jinkludi fih id-dejta dwar is-suq tax-xogħol l-aktar rilevanti u l-miżuri attivi fis-suq tax-xogħol li jkun ibbenefika minnhom il-ħaddiem, għandu rwol importanti ħafna għall-għoti ta' pariri u għall-appoġġ f'każ li l-ħaddiem jiġi qiegħed wara li tispiċċa l-kumpanija ta' trasferiment.

17. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta’ tħejjija, ġestjoni u kontroll kif ukoll ta' informazzjoni u pubbliċità.

18. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Ġermaniżi huma miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli ddefiniti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Ġermaniżi jistmaw li l-kosti totali ta’ dawn is-servizzi huma ta’ EUR 6 389 028 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta' EUR 300 000 (4,48 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta’ EUR 4,347,868 (65 % tal-kosti totali).

| Azzjonijiet | Għadd stmat ta' ħaddiema identifikati | Kost stmat għal kull ħaddiem identifikat (EUR) | Kosti totali (l-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR) |
|---|---|---|---|
| **Servizzi personalizzati** (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| Kumpens għat-tfittix ta' impjieg: kumpens fuq medda qasira ta' żmien (*Beihilfen für die Arbeitssuche: Transferkurzarbeitergeld)* | 759 | 4 816 | 3 655 344 |
| Korsijiet ta' taħriġ li jwasslu għall-kwalifiki (*Qualifizierungsmassnahmen* | 350 | 3 399 | 1 189 650 |
| Gwida aktar fil-fond għall-ftuħ ta' negozju *(Vertiefte Existenzgründerberatung)* | 35 | 1 655 | 57 925 |
| Gruppi ta' ħidma u gruppi ta' pari | 75 | 1 185 | 88 875 |
| Gwida dwar is-suq tax-xogħol internazzjonali u dak nazzjonali *(Internationale und nationale Arbeitsmarktberatung*) | 40 | 757 | 30 280 |
| Suppliment ta' Attivazzjoni *(Aktivierungszuschuss)* | 150 | 2 395 | 359 250 |
| Riċerka fir-rigward ta' pjazzament *(Stellenresearch)* | 428 | 703 | 300 884 |
| Għoti ta' parir u appoġġ f'każ ta' impjieg ġdid u f'każ ta' qgħad *(Beratung und Betreuung bei Arbeitsaufnahme und Arbeitslosigkeit)* | 599 | 1 180 | 706 820 |
| **Subtotal tas-servizzi personalizzati** | | | **6 389 028** |
| **Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG** (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006) | | | |
| **Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG** | | | **300 000** |
| **Total tal-kosti stmati** | | | **6 689 028** |
| ***Kontribuzzjoni tal-FEG (65 % tal-kosti totali)*** | | | ***4 347 868*** |

19. Il-Ġermanja tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq jikkomplementaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-korsijiet ta' taħriġ

iċċertifikat mill-FSE għal kwalifiki pprovduti fil-qafas tal-programm federali FSE-BA. L-awtoritajiet Ġermaniżi daħħlu fis-seħħ il-mekkaniżmi neċessarji biex jevitaw kull riskju ta' finanzjament doppju.

**Id-data/dati meta bdew jew meta huwa maħsub li jibdew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati**

20. Il-Ġermanja bdiet is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament fl-1 ta’ Marzu 2010. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kwalunkwe għajnuna li tista' tingħata mill-FEG.

**Proċeduri għall-konsultazzjoni mas-sħab soċjali**

21. Il-Ministeru Federali għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali kkonsulta lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-maniġment tal-intrapriżi kkonċernati u tahom il-possibbiltà li jipparteċipaw b'mod attiv fil-preparazzjoni tal-pakkett globali tas-servizzi personalizzati. Ġie ppreżentat il-kunċett għal pakkett ta' miżuri attivi fis-suq tax-xogħol u dan ġie diskuss f'taħdidiet (round table) ma' rappreżentanti tal-ħaddiema u tal-maniġment, tal-IG Metall, tal-fornituri tas-servizz tat-trasferiment, tal-Ministeru għall-Impjiegi, l-Integrazzjoni u l-Affarijiet Soċjali tat-Tramuntana tar-Rhine Westphalia kif ukoll tas-Servizzi Federali għall-Impjiegi. Ir-rilevanza tal-miżuri fid-dawl ta' reintegrazzjoni fl-impjieg kompliet tiġi kkonfermata mill-uffiċċji reġjonali kompetenti għall-impjiegi.

22. L-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u dik tal-UE dwar is-sensji kollettivi.

**Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obbligatorji skont il-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi**

23. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Ġermaniżi fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tieħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi;
- urew bil-provi li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għall-ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji tal-UE oħrajn.

**Sistemi ta’ ġestjoni u ta’ kontroll**

24. Il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji se jkunu ġestiti u kkontrollati mill-istess entitajiet li jiġġestixxu u jikkontrollaw il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fil-Ġermanja. Fi ħdan il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali ((Bundesministerium für Arbeit und Soziales) il-"Gruppe Europaïsche Fonds für Beschäftigung – Referat EF 3" se jaġixxi

bħala awtorità ta' ġestjoni u l-"Organisationseinheit Prüfbehörde" bħala awtorità ta' kontroll.

**Finanzjament**

25. Abbażi tal-applikazzjoni mill-Ġermanja, il-kontribuzzjoni proposta mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) hija ta' EUR 4 347 868, li tirrappreżenta 65 % tal-kost totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li ngħatat mill-Ġermanja.

26. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-ambitu tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.

27. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

28. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex f'livell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ partijiet tal-awtorità baġitarja, se tissejjeħ laqgħa formali ta' trijalogu.

29. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2011 approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas speċifiċi, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

**Sors tal-approprjazzjonijiet għall-ħlas**

30. Peress li huwa previst li se jingħataw EUR 50 000 000 bħala tisħiħ tal-linja baġitarja 04.0501 tal-FEG permezz tal-AB2/2011, din il-linja baġitarja se tintuża biex tkopri l-ammont ta' EUR 4 347 868 meħtieġ għall-applikazzjoni preżenti.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni FEG/2011/003 DE/Arnsberg u Düsseldorf - Industrija awtomotiva mill-Ġermanja)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba[8], u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[9], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[10],

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b’riżultat ta’ bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEG twessa’ għall-applikazzjonijiet ippreżentati mill-1 ta’ Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jitilfu l-impjieg b’riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fi ħdan il-limitu massimu annwali ta’ EUR 500 miljun.

(4) Il-Ġermanja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji f' ħames intrapriżi li joperaw fid-Diviżjoni 29 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fir-reġjun NUTS II ta' Arnsberg (DEA5) u

---

8 ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
9 ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
10 ĠU C […], […], p. […].

Düsseldorf (DEA1), fid-9 ta' Frar 2011, u kompliet tibgħat it-tagħrif addizzjonali sat-28 ta' April 2011. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribut finanzjarju kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 4,347,868.

(5) L-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jkun immobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 4 347 868 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi [Brussell/Strasburgu],

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*